***SERVIZZ TELEFONIKU***

***LEGITTIMU KONTRADITTUR***

***PRESKRIZZJONI – ART 2156 (F) TAL-KAP 16***

***ONERU TA' PROVA***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 28**
**Citazzjoni Numru: 1382/98/RCP**

**Maltacom plc**

**vs**

**Shipping & Marine Agency Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 3 fejn gie premess:-

Illi skond id-dokument relattiv ghas-servizz tat-telefon hawn anness u markat "Dok A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizz moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf sitt mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,695.23) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattiv ghall-linji bin-numri, sitta, tmienja, wiehed erbgha, erbgha, sebgha, (681447), u ghas-servizz tat-telex bin-numru wiehed, erbgha, tmienja, wiehed, (1481), skond il-kopji tal-kontijiet hawn annessi u mmarkati bhala "Dok B" u "Dok C";

Illi is-socjeta' konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbili;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitoiu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,695.23).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 6 sa 10 tal-process;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-20 ta' Jannar 1999 fejn permezz taghha esebiet dokument (fol 18 sa 22).

Rat il-verbal tas-27 ta' Jannar 1999.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tas-27 ta' April 1999 fejn permezz taghha esebiet dokument (fol 26 sa 31).

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 1999.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Dicembru 1999.

Rat il-verbali tad-19 ta' Jannar 2000 u tat-28 ta' Frar 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tad-29 ta' Frar 2000 fejn permezz taghha gie esebit estratt minn zewg gazzetti lokali (fol 30 u 40).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol 41 tal-process fejn gie eccepit:

1. Fl-ewwel lok illi s-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda rabta kontrattwali mas-socjeta attrici fir-rigward tan-numri tat-telephone u telex premessi; illi d-dokument A ezibit fl-atti tal-kawza ma huwiex “service agreement”, u dan kuntrarju ta’ dak li jintqal mill-atturi, u fi kwalunkwe kaz il-persuna li ffirmat l-ittra in kwistjoni qatt ma kienet direttur jew impjegati tal-kumpannija konvenuta liema kumpannija ma taf xejn bil-kontenut tal-ittra in kwistjoni. Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta ma hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici;

2. Illi is-socjeta attrici ghandha tipprova ghandhiex xi kreditu fil-konfront tas-socjeta attrici;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici u dan in forza tal-artikoli 2148(1) u 2156(f) tal-kodici Civili;

4. Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-incertezza tat-talbiet attrici billi il-konteggi minnhom ipprezentati ma huma bl-ebda mod spjegati u ma hemm l-ebda riferenza ghas-servizzi partikolari u ghall-*invoices* rilevanti;

5. Illi it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 42 tal-process.

Rat il-verbali tat-3 ta' Marzu 2000, tat-2 ta' Gunju 2000, tas-7 ta' Novembru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta w inghata digriet tal-affidavit tal-konvenuti ta' 50 jum.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta tal-21 ta' Dicembru 2000 u d-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Dicembru 2000 fejn laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta' 20 jum ghall-prezentata tal-affidavit.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta tas-27 ta' Dicembru 2000 fejn permezz taghha gie esebit l-affidavit ta' Michael Angelo Fenech.

Rat il-verbal tas-27 ta' Frar 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-partijiet u finali trattazzjoni ghas-26 ta' April 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta tat-12 ta' Marzu 2001 u r-risposta tas-socjeta` attrici tas-16 ta' Marzu 2001.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Marzu 2001 fejn laqghet it-talba u laqghet it-talba u tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, u tat il-fakolta lir-rikorrent jipprezenta nota b'dokumenti fi zmien ghaxar t'ijiem, b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti, u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghas-2 ta' April 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta tad-29 ta' Mejju 2001 fejn gew esebiti xi dokumenti (fol 70 sa 109).

Rat il-verbal tas-26 ta' April 2001 u tas-6 ta' Gunju 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Ottubru bil-fakolta li s-socjeta` attrici tipprezenta n-nota tal-osservazzjonijiet taghha bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta tat-23 ta' Awissu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret mis-socjeta` attrici stante li qed tallega li kellha ftehim mas-socjeta` konvenuta sabiex tipprovdi

servizz telefoniku relattiv ghall-linja numru 681447 u servizz ta’ telex bin-numru 1481 u skond l-istess socjeta` attrici l-istess socjeta` konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont ta’ Lm1695.23c rapprezentanti tariffi ghall-istess servizz u kera tal-apparat.

Illi s-socjeta` konvenuta min-naha taghha qed tikkontesta l-pretensjoni attrici stante li qed issostni li ma sar ebda ftehim mas-socjeta` attrici dwar l-istess servizz u subordinatament li l-istess kreditu ghandu jigi fi kwalunkwe kaz pruvat u wkoll bla pregudizzju ghal dak fuq espost li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148 (f) u 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Illi huwa ovvju li f’dawn ic-cirkostanzi fejn kemm ir-relazzjoni guridika u kemm l-ammont pretiz qed jigi kkontestat mis-socjeta` konvenuta li huwa l-oneru tas-socjeta` attrici li tiprova l-allegazzjonijiet taghha u dan abbazi tal-principju li min jallega ghandu l-oneru tal-prova.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li s-socjeta` attrici irnexxiela taghmel din il-prova, u dan fl-ewwel lok ghaliex fl-atti ta’ din il-kawza qatt ma gie prezentat l-allegat ftehim ghas-servizz tat-telefon u tele-fax in kwistjoni li abbazi tieghu saret l-azzjoni attrici.

Illi huwa minnu li fil-premessi tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni attrici jinghad li tali ftehim ghas-servizz tat-telefon gie esebit bhala Dok ‘A’ a fol 7 tal-process. Illi pero`

minn ezami tal-istess dokument ma jirrizultax li dan jammonta ghall-ftehim jew skrittura bejn il-partjiet, izda hija talba minn certu Michael Fenech fuq *letter-head* tas-socjeta` konvenuta sabiex jigi ri-installat it-telefon Nru 681447.

Illi fil-fatt l-istess dokument jidher li jikkonsisti biss f'tele-fax datata 19 ta' Lulju 1990 mibghuta mill-persuna indikata minn Fopcol House. Tali dokument certament ma jammontax ghall-ftehim u dan apparti mix-xhieda prodotta mis-socjeta` konvenuta jirrizulta li Michael Fenech qatt ma kien impjegat tas-socjeta` konvenuta u lanqas impjegat taghha tant li ma kellu ebda rappresentanza kwalunkwe tal-istess socjeta` konvenuta fil-kawza odjerna.

Illi dan kollu jinsab ikkorroborat mix-xhieda li inghatat minn Michael Angelo Fenech rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u wkoll mid-dokumenti esebiti mill-istess socjeta` konvenuta konsistenti senjatament fil-Memorandum and Articles of Association tal-istess socjeta` konvenuta (Dok 'SMA 1' – fol 71 sa 95) minn fejn jinsab ghal kollox ikkonfermat li Michael Fenech il-firmatarju tad-dokument a fol 7 tal-process qatt ma kellu ir-rapprezentanza guridika u/jew legali tal-istess socjeta` konvenuta u ma gie esebit ebda dokument iehor li juri jew jindika li l-istess Michael Fenech kien b'xi mod awtorizzat anke biex jikteb u jibghat l-istess komunikazzjoni.

Illi di piu` jirrizulta mir-*records* tal-*Employment and Training Corporation* li l-istess Michael Fenech lanqas biss qatt kien impjegat tal-istess socjeta` konvenuta izda kien impjegat tas-socjeta` Lub Oil Manufacturers Company Limited, kif jirrizulta mid-dokumenti Dok SMA 2 – fol 96, Dok SMA3 - fol 97, Dok SMA 4 – fol 98, Dok SMA 5 – fol 99, Dok SMA 6 – fol 100 u Dok SMA 7 – fol 101, u ghalhekk abbazi ta' dawn id-dokumenti kollha ma hemm l-ebda dubju li Michael Fenech ma kienx ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta.

Illi fi kwalunkwe kaz u kif diga inghad jirrizulta car illi l-istess komunikazzjoni tal-25 ta' Mejju 1990 ma tikkostitwixxix ftehim bejn il-partijiet odjerni ghall-produzzjoni tal-istess servizz telefoniku tant li tikkontjeni talba biss mill-istess Michael Fenech sabiex issir ri-stallazzjoni tal-istess servizz telefoniku, apparti li jidher li l-ammonti pretizi sa dak in-nhar, kienu x'kienu, kienu diga qed jigu kontestati.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-istess numru indikat fic-citazzjoni li huwa appartenenti lis-socjeta` konvenuta, kien zgur f'xi zmien intestat fuq is-socjeta` Fopcol Limited jew Focal Limited u anke fuq A Fenech kif jidher mill-kopji tal-kontijiet esebiti a fol 107, 108 u 109 tal-process bhala Dokument SMA 8, u dan ghalhekk jikkontradixxi bl-aktar mod palez l-allegazzjonijiet attrici stante li minn tali kontijiet mahruga mill-istess socjeta`, gia korporazzjoni attrici, jidher li huma stess ma humiex certi ma liema socjeta` huma kellhom relazzjoni fir-rigward tal-imsemmija kontijiet.

Illi jigi rilevat li nonostante li s-socjeta` attrici kellha diversi opportunitajiet sabiex hija tressaq il-provi taghha u senjatament sabiex tesebixxi kopja tal-allegat *Service Agreement* li allegatament gie ffirmat mis-socjeta` konvenuta inkluz dak li jirrizulta mill-verbal tas-7 ta' Novembru 2000 l-istess socjeta` attrici qatt ma esebiet kopja tal-ftehim allegat minnha, u fid-dawl ta' dan kollu zgur li l-kawzali tas-socjeta` attrici giet serjament ippregudikata.

Illi minn dan kollu jirrizulta li s-socjeta` attrici ma pruvatx ir-relazzjoni taghha mas-socjeta` konvenuta anke ghaliex ma jidhirx li l-istess socjeta` qatt giet interpellata f'isimha sabiex thallas l-allegati kontijiet, anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess kontijiet kienu jigu indirizzati lil socjetajiet ohra jew terzi persuni, b'dan ghalhekk li l-unika konkluzzjoni li din il-Qorti tista' tasal ghaliha hija li s-socjeta` konvenuta ma hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza istitwita mis-socjeta` attrici u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi milqugha.

Illi bla pregudizzju ghal dan kollu jinghad ukoll li s-socjeta` attrici naqset ukoll sabiex tipproduci l-minimu ta' prova rikjesta dwar il-*breakdown* tal-istess kontijiet stante li d-dokument 'B' u 'C' a fol 8 u 9 tal-process jirreferu biss ghal dak li huwa ndikat bhala arretrati minghajr ebda spjegazzjoni ulterjuri u certament li f'dan il-kuntest jista' jinghad li lanqas l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ma gie bl-ebda mod f'din il-kawza ippruvat.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-**artikoli 2148 (f) u 2156 (f) tal-Kodici Civili** jigi rilevat dak li ntqal fis-sentenza ”**Maltacom vs Anne Micallef”** (P.A. RCP. 13 ta' Jannar 2001 – Cit Nru 2927/97/RCP) fejn gie kkonfermat li:

"*Illi dwar il-preskrizzjoni eccepieta a bazi tal-**Artikolu 2148 (f)** din hija ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xhar u tirreferi ghall-"azzjonijiet ta' kull persuna ghall-hlas ta' kera ta' hwejjeg mobbli". Illi pero' jinghad illi ghalkemm parti zghir mill-istess ammont rikjamat veru hija ghall-"kera" tal-apparat, huwa ovvju li l-ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta huwa wiehed li jimporta l-ghoti tas-servizz kontra pagament, anke jekk il-pagament huwa kkalkolat b'rati determinati skond kemm jintuza mill-utenti. Anke dak li jissejjah kera tal-apparat, ma huwiex pagament ghall-apparat fih innifsu, imma biss in kwantu tali apparat huwa mehtieg ghall-ghoti tas-servizz in kwistjoni mis-socjeta' attrici, liema servizz li l-kontraenti ikkontrattaw dwaru, jista' u seta' biss jinghata tramite l-uzu ta' dan l-apparat. Illi a bazi tal-premess is-sentenza fl-ismijiet **"John Scicluna nomine vs Robert Spiteri" (JSP. 5 ta' Novembru 1992)** ikkonkludiet illi "il-kuntratt bejn il-kontendenti li kkreja ir-relazzjoni giuridika bejniethom u li t-thaddim tieghu pprovoka din il-kawza, huwa wiehed ta' "ghoti ta' servizz" u mhux wiehed ta' "kiri ta' oggett mobbli". Ta' l-istess portata hija d-decizzjoni **"Post Master General et vs Michael James Falla" (P.A. 13 ta' Mejju 1980).***

*Illi ghalhekk isegwi li l-preskrizzjoni applikabbli ma hijiex dik ai termini tal-**Artikolu 2148 (f) tal-Kap 16,** izda dik ta' hames snin ai termini tal-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** kif jinstab stabilit fl-istess sentenzi u dawk fl-ismijiet **"Maltacom p.l.c. vs Charles Pool"** (FGC. 5 ta' Novembru 1999); **"Korporazzjoni Telemalta vs Carmel Dingli"** (GV. 28 ta' April 1997); **"Saviour Farrugia nomine vs Albert Pearson"** (2 ta' Mejju 1997)."*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess u fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni applikabbli hija dik *ai termini* tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili** u la darba l-kontijiet esebiti a fol 107 sa 109 tal-process jirreferu ghas-sena 1989 u mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici ma jirrizultax ghall-liema perjodu tali kontijiet qed jirreferu, din il-Qorti thoss li anke din l-eccezzjoni giet ukoll ippruvata stante li l-unika data li l-istess Qorti tista' torbot fuqha mill-provi prodotti hija dik tan-1987 u la darba ic-citazzjoni attrici giet ipprezentata fil-25 ta' Gunju 1998 l-azzjoni attrici tirrizulta wkoll fi kwalunkwe kaz preskritta *ai termini* tal-artikolu precitat.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` attrici.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta** fit-termini fuq indikati, tichad it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha a karigu tas-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**23 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Ottubru, 2001**